Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 499/2013

**Jessica D'Alfonso (appellata)**

**Vs**

**Anthony D'Alfonso (appellant) u b'digriet tas-27 ta' Novembru, 2013 issejhet fil-kawza Jane D'Alfonso (appellata).**

14 ta' Lulju, 2017.

1. B'sentenza tas-17 ta' Dicembru, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' seba' mija u disa' u tletin ewro u seba' centezmi (€739.07) bl-imghax minn dakinhar, u laqa' t-tielet eccezzjoni tal-imsejha fil-kawza u lliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Originarjament l-attrici kienet qeghda tippretendi s-somma ta' €1,030.27, liema somma tirraprezenta hlas ta' bonus, weekly allowance, u vacation leave li ma wtilizzatx.

2. Il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravji huma:

   i. L-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, fis-sens li ma tatx prova tal-kreditu.
   ii. Il-konvenuta ma kellhiex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. L-attrici wiegbet li l-appell hu null peress li skont l-artikolu 8(2) u (3) l-appellant ma kellux jedd jappella. Imbaghad ghamlet l-argumenti taghha dwar l-aggravji. Il-kjamata fil-kawzaipprezentat twegiba identika ghal dak li jirrigwarda l-argumenti relatati mal-eccezzjoni preliminary u l-ewwel aggravju.

4. **<u>Fatti.</u>**

   i. L-attrici kienet impjegata mal-konvenut fil-hanut.
   ii. Fil-25 ta' Awissu 2012 l-attrici twaqqfet mill-impieg minhabba li l-konvenut ghalaq il-hanut.
   iii. Il-konvenut iffirma il-formola tat-terminazzjoni tal-impieg li ntbaghtet lil ETC.
   iv. Il-konvenut mizzewweg lill-imsejha fil-kawza. Fit-twegiba li pprezentat fl-20 ta' Frar, 2014 l-imsejha fil-kawza qalet li l-hanut jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, pero' kien dejjem gestit mill-konvenut.
   v. B'sentenza tat-28 ta' Novembru, 2014 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li nghatat mill-konvenut, wara li kkunsidra li l-imsejha

fil-kawza kienet irrikonoxxiet id-dejn; *"Hija l-fehma tat-Tribunal li fil-kaz in ezami, fejn il-kjamata in kawza, li qieghda f'din il-kawza debitament tirraprezenta lid-debitur u cioe lill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi D'Alfonso (fuq talba tal-konvenut – rapprezentant iehor tal-istess debitur) qieghda inekwivokabilment tirrikonoxxi d-debitu, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tirnexxi"*.

**Konsiderazzjoni.**

5. Fi zmien li sar l-appell (4 ta' Jannar, 2016), skont l-artikolu 8(3) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) dritt ta' appell kien fil-kazijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni ma jaqbizx is-somma ta' €1,164. Bis-sentenza tas-17 ta' Dicembru, 2015 l-ammont in kwistjoni kien seba' mija u disa' u tletin ewro u seba' centezmi (€739.07), gialadarba l-attrici m'appellatx mis-sentenza u lanqas ma pproponiet appell incidentali. Ghaldaqstant, japplika l-artikolu 8(2) tal-Kap. 380 u ghalhekk id-dritt tal-appell hu limitat ghal dawk il-kazijiet li jissemmew fl-imsemmija disposizzjoni.

6. L-ewwel aggravju tal-konvenut huwa semplici kritika ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. Hekk per ezempju, il-konvenut isostni li:

- Mill-provi rrizulta li l-attrici m'ghandhiex ideja tal-ammont li talbet;
- L-attrici ma tatx prova tas-somma li talbet, u tat verzjonijiet differenti. Hekk per ezempju fit-3 ta' Frar, 2015 qalet li ma kinitx tiehu leave filwaqt li fit-28 ta' Ottubru, 2015 qalet li hadet gurnata *leave*. Hekk ukoll skont il-konvenut, l-attrici tat verzjonijiet kontradittorji ghal dak li jirrigwarda l-hinijiet ta' ftuh tal-hanut. Skont il-konvenut l-istess gara fir-rigward il-bonus u l-weekly allowance.
- Hu kien dejjem konsistenti f'dak li qal meta xehed.
- Mill-provi li tressqu t-Tribunal, *"… messu nduna li Jessica D'Alfonso qeghda tittenta tikseb somma flus li mhijiex dovut lilha u dan jirrizulta ampjament mix-xheida xejn kredibbli taghha"*.

7. Fil-fehma tal-qorti l-ewwel aggravju mhu xejn ghajr appell fuq punt ta' fatt. Appell bhal dan mhux possibbli fil-kaz in ezami minhabba l-ammont tat-talba (ara wkoll sentenza ta' din il-qorti, **Stephen Chircop vs Mary Grace Caruana** tat-28 ta' April, 2004). Ladarba l-ewwel aggravju m'huwiex fuq materja li tissemma fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380, l-aggravju hu null.

8. Fir-rigward tat-tieni aggravju, it-Tribunal qal li mill-provi kien irrizulta li l-imsejha fil-kawza ma kellhiex x'taqsam mal-gestjoni tan-negozju minkejja li l-hanut u n-negozju kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fehma tal-qorti f'dan il-kaz saret pronunzjament zbaljata tal-ligi. Skont il-ligi t-Tribunal ghandu jiddeciedi **b'ekwita skont il-ligi**. Fejn it-Tribunal ikun naqas milli japplika l-ligi b'mod korrett, ma jkunx iddecieda b'ekwita skont il-

ligi. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-konvenut kellu dritt jappella (artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380).

9. Il-qorti tosserva:

i. M'hemmx kontestazzjoni li l-hanut hu tal-komunjoni tal-akkwisti;

ii. Il-konvenut kien impjegat lill-attrici fil-hanut. L-imsejha fil-kawza kienet taf li l-attrici qeghda tahdem fil-hanut, u ma jirrizultax li qatt oggezzjonat. F'kull kaz li timpjega haddiema ghandu jitqies bhala att normali ta' gestjoni ta' negozju (artikolu 1324 tal-Kodici Civili). L-imsejha fil-kawza kienet taf li l-attrici kienet impjegata fil-hanut;

iii. Il-fatt li n-negozju kien gestit mill-konvenut ma jfissirx li d-dejn ma jaghmlux tajjeb ghalih il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-konjugi D'Alfonso, u dan kuntrarjament ghal dak li ta x'jifhem it-Tribunal (ara paragrafu 9 ta' pagna 9 tas-sentenza);

iv. Id-dejn in kwistjoni jikkwalifika fil-paragrafu (b) tal-artikolu 1327 tal-Kodici Civili[1]. In-negozju kien tal-komunjoni tal-akkwisti, bl-amministrazzjoni f'idejn il-konvenut. Id-dejn oggett tal-kawza nholoq fil-kors ta' dik l-amministrazzjoni;

v. Mill-artikolu 1330 tal-Kodici Civili hu car li l-imsejha fil-kawza hi wkoll debitrici tal-attrici, b'dan li l-kreditrici ma tistax tenforza l-jedd taghha fuq il-beni parafernali tal-imsejha fil-kawza gialadarba ma kinitx hi li *"… minhabba fiha nholqot it-talba";*

vi. Fis-sentenza **Mary Camilleri vs Joseph Caruana Company Limited** tas-6 ta' Lulju, 2007 il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:

> *"Dawn iz-zewg Artikoli 1324 u 1330 ghandhom jinqraw flimkien, u ghalkemm kif jghid l-Artikolu 1324 l-att huwa maghmul minn parti wahda, xorta wahda dan il-att jorbot il-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konjugi. Izda meta mbaghad wiehed jirreferi ghal Artikolu 1330, l-legislatur specifika illi fil-kaz ta' dejn rizultanti minn att normali ta' gestjoni ta' sengha, negozju jew professjoni, il-kredituri jistghu jinfurzaw it-talba taghhom fuq il-beni parafernali tal-persuna li maghha jkunu ghamlu negozju u mhux fuq il- beni parafernali tal-parti l-ohra. Ghalhekk meta l-beni fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma jservux sabiex jithallas id-dejn gravanti, bhalma jidher li jista' jkun il-kaz in dizamina, ilkredituri jistghu biss jinfurzaw it-talba taghhom (ghal dik il- parti li ma tkunx tista' tithallas mill-beni tal-komunjoni) fuq il-beni parafernali tal-parti li maghhom huma ghamlu n- negozju – f'dan il-kaz Angelo Camilleri – u mhux l- appellanti."*.

[1] *"l-ispejjez u l-obbligi li jkunu saru ghall-amministrazzjoni tal-akkwisti"*.

vii. Fis-sentenza **Victor Bonavia et vs Richard Attard et** tad-9 ta' Jannar, 2009, din il-qorti qalet:

> *"Ibda biex, "hemm atti li jirrikjedu l-intervent tazzewg konjugi [Artikolu 1322 (2)] u hemm ukoll atti li wiehed mill-konjugi jista' jgib fis-sehh 'uti singuli' [Artikolu 1324 jew Artikolu 1327 (c)]". ("J & E Griscti Limited -vs- Jesmond Sant et", Appell mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 10 ta' Jannar, 2007). Meta jigu kontrattati debiti li ghandhom il-fonti taghhom f'rapport rikonducibbli ghall-interessi komuni tal-konjugi, anke jekk talvolta jsiru blinizzjattiva ta' xi hadd fosthom, ghal dawk id-debiti jirrispondu l-beni tal-komunjoni. Hekk kompla jinghad minn din il-Qorti fid-decizjoni precitata illi: "f'dawn l-istanzi t-terz kreditur huwa legittimat li jissodisfa l-kreditu tieghu fuq il-beni tal-komunjoni. Dan ghar-raguni illi dawk l-atti jincidu fuq ic-cespiti li jifformaw parti mill-patrimonju talkomunjoni." Fiha, imbaghad, issokta jizdied ukoll illi, "naturalment, u skond il-ligi, l-istess terz kreditur huwa ulterjorment tutelat billi in subordine idur fuq il-beni personali ta' dak biss fost il-konjugi li ghamel in-negozju u ndahal ghar-responsabilita` kontrattwali diretta. Jigi allura illi r-ragel jirrispondi ghad-dejn de quo mhux biss bissehem tieghu mill-komunjoni imma anke bil-beni tieghu proprji, mentri l-mara hija biss responsabbli salkonkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan hu bil-wisq car mill-kontenut tan-norma fl-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili".*

10. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, mhemmx dubju li l-beni li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-kreditu tal-attrici. Ghaldaqstant, il-kjamata fil-kawza hi wkoll responsabbli.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-appell billi:-**

1. **Tiddikjara n-nullita tal-ewwel aggravju ghaliex ma jitrattax materja li dwarha seta' jsir appell (artikolu 8(2) tal-Kap. 380).**

2. **Tichad l-eccezzjoni preliminari dwar it-tieni aggravju.**

3. **Tilqa' t-tieni aggravju u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-17 ta' Dicembru, 2015 fis-sens li:**
   - **i. Thassar dik il-parti tas-sentenza fejn laqat l-eccezzjonijiet tal-imsejha fil-kawza u lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.**
   - **ii. Tichad l-eccezzjonijiet tal-imsejha fil-kawza.**
   - **iii. Tikkundanna lill-imsejha fil-kawza sabiex flimkien mal-konvenut thallas lill-attrici s-somma ta' seba' mija u disa' u tletin ewro u seba' centezmi (€739.07), bl-imghax jiddekorri mid-data tas-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Ovvjament japplika l-artikolu 1330 tal-Kodici Civili ghal dak li jirrigwarda l-beni parafernali taghha.**
   - **iv. Spejjez tal-ewwel sentenza a karigu wkoll tal-imsejha fil-kawza.**
   - **v. Ghal kumplament tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.**

**Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal:**

i. **Nofs l-ispejjez tal-konvenut a karigu tieghu, filwaqt li n-nofs l-iehor a karigu tal-imsejha fil-kawza.**
ii. **Nofs l-ispejjez tal-attrici a karigu tal-konvenut filwaqt li n-nofs l-iehor jiqbghu a karigu taghha peress li dwar it-tieni aggravju kienet qeghda ssostni li l-imsejha fil-kawza ma kinitx debitur taghha.**
iii. **L-imsejha fil-kawza taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha.**

Anthony Ellul.